MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 46/2014

**Charles Mangion (K.I. 692660M) u Elaine Marie Mangion (K.I. 61703L)**

**vs**

**Jonas Galotta detentur tal-karta tal-identita' Svediza numru 82172250**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Frar, 2013 (kopja annessa u mmarkata bhala Dokument CM 1) ir-rikorrenti krew lill-intimat il-villa bl-isem ta' 'Four Winds' sitwata fi Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, bil-garage anness mal-istess bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, u dan verso kera ta' sitt elef ewro (€6,000) fix-xahar ghal zmien sena b'effett mill-1 ta' Lulju 2013;

2. Illi l-intimat naqas milli jhallas elf euro (€1,000) f'arretrati ta' kera ghas-sena 2013 u kif ukoll naqas milli jhallas zewg skadenzi ta' kera ghax-xhur ta' April 2014 u Mejju 2014 li flimkien jammontaw ghal tnax il-elf euro (€12,000)

3. Illi l-intimat naqas ukoll milli jhallas is-somma ta' tliet elef, erba' mija u tmienja u tletin euro u sitt centezmi (€3,438.06) rapprezentanti arretrati fuq kontijiet ta' dawl u l-ilma relattivi ghall-imsemmi fond, liema ammonti huwa tenut li jhallas, u dan skond ma jirrizulta mill-kont tad-dawl u ilma anness u mmarkat bhala Dok CM 2

4. Illi inoltre l-intimat huwa obbligat li jhallas l-ammont ta' erbat elef euro (€4,000) fix-xahar ai termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal-istess skrittura ta' lokazzjoni.

5. Madanakollu, l-intimat naqas milli jaghmel zewg pagamenti akkont, li kienu dovuti fix-xhur ta' April 2014 u Mejju 2014, li flimkien jammontaw ghal tmint elef euro (€8,000)

6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma kredituri tal-intimat fl-ammont komplessiv ta’ erbgha u ghoxrin elf, erba’ mija u tmienja u tletin euro u sitt centezmi (€24,438.06).

7. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ April, 2014 (annessa dokument CM 4) l-intimat baqa’ inadempjenti u ma hallasx l-ammonti minnu dovuti.

8. Illi in oltre, konsegwentement ghall-inadempjenzi da parti tal-intimat ir-rikorrenti huma intitolati li jitolbu x-xoljiment tal-iskrittura ta’ lokazzjoni *de quo* ai termini tal-ligi;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf, erba’ mija u tmienja u tletin euro u sitt centezmi (€24,438.06) rapprezentanti in kwantu ghal elf euro (€1,000) arretrati ta’ kera ghas-sena 2013, in kwantu ghal tnax-il elf euro (€12,000) dovuti ghal arretrati ta’ kera ghax-xhur ta’ April 2014 u Mejju 2014, in kwantu ghal tmint’elef euro (€8,000) dovuti ai termini tal-klawsola numru tlieta (3) tal-iskrittura ta’ lokazzjoni datata 12 ta’ Frar 2013 , u in kwantu ghal tliet elef, erba’ mija u tmienja u tletin ewuro u sitt centezmi (€3,438.06) rapprezentanti arretrati fuq kontijiet tad-dawl u l-ilma relattivi ghall-imsemmi fond li l-intimat naqas milli jhallas kif premess.

2. Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, erba’ mija u tmienja u tletin euro u sitt centezmi (€24,438.06) dovuta mill-intimat lir-rikorrenti kif premess.

3. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-intimat huwa inadempjenti fit-twettieq tal-obbligi tieghu tal-iskrittura ta' lokazzjoni datata 12 ta' Frar 2013 ixolji l-istess skrittura ta' lokazzjoni;

4. Konsegwentement jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond 'Four Winds' sitwata fi Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq entro terminu qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' April, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-intimat li qed jigi minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bir-rikors promutur u bl-avviz ta' smiegh naqas milli jkun prezenti jew milli jirregistra opposizzjoni ghat-talbiet in mertu;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi kif gia senjalat *supra,* l-intimat naqas milli jopponi t-talbiet tar-rikorrenti sia billi ma kienx prezenti waqt dawn il-proceduri kif ukoll billi naqas milli jirregistra risposta. Madanakollu, r-rikorrenti xehed illi minkejja li l-intimat kien debitament interpellat sabiex ihallas dak minnu dovut skond il-ftehim ta' lokazzjoni u minkejja li kienu inizzjati dawn il-proceduri kontra tieghu huwa qatt ma hallas jew avvicina lir-

rikorrenti b'xi ftehim ghal-hlas u ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejniethom. Kontra l-intimat ghalhekk hemm ix-xhieda tar-rikorrenti li kkonferma l-kontenut tar-rikors promutur u ssostanzja l-premessi tieghu b'dokumenti;

Illi ghalhekk l-Bord ma jistghax jaghmel aktar minn hekk kwantu l-obbligu tieghu li jezamina dawk ic-cirkostanzi li jistghu jiskolpaw lill-intimat u jiskansawh mill-estremi tal-izgombru kif ritenut jaghmel skond il-gurisprudenza in rigward.  Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jibqghu mhux kontradetti u jimmeritaw li jkunu milqugha;

Ghal dawn il-motivi l-Bord qieghed jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgomberu qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------